MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 508/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Doris Micallef**
**(I.D. 499274M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf u tmienja u disghin Euro u disa' centezmi (€1,098.09), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1021440 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, u tmienja u disghin Euro u disa' centezmi (€1,098.09), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------